MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2007

Numru 80/2006

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Brian Pace ta’ 27 sena iben Saviour u Miriam nee Agius mwieled Pieta fis-7 ta’ Awissu 1978 u residenti Summer Flats, Flat 2 Triq is-Sibbien Marsascala, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 377378M.

Akkużat talli fil-25 ta’ Jannar 2006 u fil-ġranet u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda

(a) mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta’ flus Maltin meta kien jaf li huma falsifikati u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 45 tal-Kap 204 u ta’ l-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
(b) u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, mingħajr awtorita’ legali jew mingħajr skuża leġittima jew

raġonevoli xtara jew rceva mingħand xi persuna, kif wkoll kellu fil-pussess tiegħu, biljetti tal-flus Maltin falsifikati, meta kien jafu li l-istess huma falsifikati u dan bi ksur ta' l-Artikolu 46 tal-Kap 204 u ta' l-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(c) u aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew stgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' inqas minn LM100 għad-dannu ta' Laguna Seca Service Station tal-Mosta, Malta International Airport Service Station tal-Gudja, diversi pompi tal-petrol u sidien tal-petrol stations oħra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(d) u aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, kkommetta serq ta' diesel u petrol minn diversi petrol stations, fosthom Laguna Seca Service Station tal-Mosta, Malta International Airport Service Station tal-Gudja u pompi oħra, għad-dannu tas-sidien ta' l-istess pompi u persuni oħra, liema serq hu aggravat bil-mezz, bilħin u bil-lok u dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 263, 269 u 270 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta
(e) u aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex imexxiehom jew ibiegħhom u dan bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 334 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta
(f) u aktar talli sar ricediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali u mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti intalbet sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-

ħatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid ta’ l-imputat li jġib in-numru 3773 tas-sena 1978; il-fedina penali ta’ l-imputat; id-dikjarazzjoni tiegħu li huwa ħati a fol 10 fis-26 ta’ Jannar 2006; il-konferma tiegħu ta’ l-istess ammissjoni wara li ngħata ħin biżżejjed biex jaħsibha; il-ħatra ta’ Probation Officer mill-Qorti sabiex iħejji pre-sentencing report fuq l-imputat; ir-rapport tal-Probation Officer Carmen Nygaard a fol 22 et seq u r-rakomandazzjonijiet tagħha; l-istqarrija ta’ l-imputat a fol 52; il-kopji tas-sentenzi li ġew esebiti fil-proċess u l-Artikoli li bagħat l-Avukat Ġenerali li jinsabu a fol 94.

Ikkonsidrat.

Li ġaladarba l-imputat ammetta dawn l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh, allura dawn huma ppruvati skond il-liġi. Iżda l-Qorti nnutat li s-sentenzi li ġew esebiti mill-prosekuzzjoni jmorru lura jew għal 1997, fol 70, jew għal 1999, fol 73, jew għal 1996, fol 77 jew għal 1995, fol 80. Anke jekk titqies dik tan-1996, l-effett li kien hemm tas-sentenza sospiża waqaf fis-sena 2000. Dwar dik li kien hemm fin-1998, il-piena spiċċat f’Lulju 1999. Dan ifisser illi ai termini ta’ l-Artikolu 50 tal-Kap 9 kienu għaddew iktar minn 5 snin minn dawn is-sentenzi u dawn is-sentenzi ebda waħda minnhom ma hi suġġetta għal perjodu ta’ 10 snin. Għal hekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni numru 6 jiġifieri dik tar-riċediva.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18 tal-kap 9 u 45 tal-Kap 204 l-Artikolu 18 tal-kap 9 u 46 tal-Kap 204, l-Artikolu 18, 308, 309, 310 tal-Kap 9; l-Artikolu 18 u 263, 269, 270 tal-Kap 9, l-Artikoli 18 u 334 tal-Kap 9 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 ssib lill-imputat ħati ta’ l-ewwel ħames imputazzjonijiet iżda qed tilliberah mis-sitt imputazzjoni dwar ir-riċediva. Barra minn hekk fil-fehma tal-Qorti l-imputazzjoni (e) hija alternattiva għal imputazzjoni (d) u hemm assorbiment bejn it-tielet imputazzjoni u l-ewwel żewġ imputazzjonijiet. Għaldaqstant għandu japplika wkoll l-Artikolu 17H.

Dwar il-piena, il-Qorti kkundisrat l-interess kbir li ħadet il-Probation Officer f'dan il-każ u l-professjonisti l-oħra. Innutat wkoll li skond dawn il-professjonisti, l-imputat għamel progress kbir u r-rakomandazzjoni tagħhom li hija li jekk jista' jkun ma tkunx piena karċerarja biex ma jintilifx dak li ntrebaħ sa issa.  Barra minn hekk l-imputat ħallas il-flus lura li kien ħa.  F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti flok tikkundanna lill-imputat qed tpoġġieh taħt il-ħarsien ta' Probation Officer għal żmien tliet (3) snin millum.  Il-Qorti spjegat l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta fi kliem sempliċi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------